

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Fischer u A. Söder, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral: Certified Australian Angus Beef Pty Ltd (Surrey Hills, l-Australja)

### Suġġett

Rikors ippreżżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-30 ta' Ottubru 2014 (Każ R 662/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Certified Angus Beef u Certified Australian Angus Beef.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors ġie miċħud.
- 2) Certified Angus Beef LLC għandha tħati l-ispejjeż

(<sup>1</sup>) ĠU C 107, 30.3.2015.

### Sentenza tal-Qorti Ġeneral tat-13 ta' Lulju 2017 – Talanton vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-65/15) (<sup>1</sup>)

[“Klawżola ta’ arbitraġġ — Kuntratt Pocemon — Is-Seba’ Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea  
għall-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013) — Spejjeż  
eliġibbli — Rimbors tas-somom imħallsa — Eżerċizzju abbużiv tad-drittijiet kuntrattwali — Prinċipju ta’  
bona fide — Aspettattivi leggħetti — Oneru tal-prova — Kontrotalba”]

(2017/C 283/47)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

### Partijiet

Rikorrenti: Talanton AE – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseon (Palaio Faliro, il-Greċja) (rappreżentant: K. Damis, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: R. Lyal, aġent, assistit minn L. Athanassiou u G. Gerapetritis, avukati)

### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 272 TFUE u intiża sabiex jiġi kkonstatat li l-ispejjeż li r-rikorrenti ddikjarat fil-kuntest tal-ftehim ta' sussidju Nru 216088 dwar l-eżekuzzjoni tal-proġetti “Point-of-care monitoring and diagnostics for autoimmune diseases”, konkluż fil-kuntest tas-Sea’ Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-aktivitajiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrazzjoni (2007-2013), kienu eliġibbli u li t-talba, mill-Kummissjoni, għar-rimborċi tas-somma ta’ EUR 273 289,63, fir-rigward tal-imsemmi ftiehim ta’ sussidju, kienet tikkostitwixxi ksur tal-obbligli kuntrattwali tagħha, kif ukoll, min-naħa l-oħra, kontrotalba intiża sabiex ir-rikorrenti tiġi kkundannata tħallas is-somma ta’ EUR 253 289,63, miżjud bl-interessi u li minnha tnaqqas l-pagamenti sussegwenti.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Talanton AE – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseon hija kkundannata tirimborsa lill-Kummissjoni Ewropea s-somma ta’ EUR 253 289,63, imħallsa fir-rigward tal-ftehim ta’ sussidju Nru 216088 dwar l-eżekuzzjoni tal-proġetti “Point-of-care monitoring and diagnostics for autoimmune diseases”, miżjud bl-interessi moratorji b'rata ta’ 3,55 % b'effett mis-27 ta' Jannar 2015 u li minnha tnaqqset is-somma ta’ EUR 5 000 imħallsa lill-Kummissjoni fl-4 ta’ Mejju 2015, liema somma l-ewwel titnaqqas mill-interessi moratorji u, sussegwentement, mill-ammont prinċipali.
- 3) Talanton – Symvouleftiki-Ekpaideftiki Etaireia Dianomon, Parochis Ypiresion Marketing kai Dioikisis Epicheiriseon hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 138, 27.4.2015.